MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2008

Avviz Numru. 172/2008

**Go p.l.c.**

**V**

**Raymond Micallef**

**Il-Qorti:-**

Rat l-avvizipprezentat fir-Registru ta' din il-Qorti nhar il-hmistax (15) t'April 2008 permezz ta' liema l-kumpanija attrici talbet lil Qorti tikkundanna lill-konvenut ihallasu s-somma ta' tlett elef sitt mija u sebgha euros u tnax l-euro centezmu (Euro 3,607.12) rapprezentanti ammont minnu dovut in konnessjoni ma servizz telefonici bin-numru 21375140 (Akkont numru 10123783), kopja tal-prospett relattiv huwa anness u mmarkat bhala Dok. A, kopja tal-ftehim ghas-servizz telefoniku huwa anness u markat bhala Dok. B u kopja tal-ftehim ghal pagament mensili huwa mmarkat bhala Dok. C.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-presenti u tat-taxxa fuq id-drittijiet u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li huwa ngunt in subizzjoni.

Rat illi l-konvenut kien debitament notifikat bir-rikors in kwistjoni nhar l-ghaxra (10) t'Ottubru 2008 skond kopja tal-gazetta lokali *The Times* esebita fl-atti u mmarkata Dok. GO 1, u fil-Gazzetta tal-Gvern datata tletin (30) ta' Settembru 2008 skond kopja esebita fl-atti (fol. 16), oltre li gew notifikati bl-affissjoni fir-residenza "Gardenia" 3, Triq il-Bir, Swieqi, nhar id-disgha w ghoxrin (29) ta' Lulju 2008 u kopja ta' l-avviz gie wkoll moghti l-Ghassa tal-Pulizija, San Giljan u lill-Kunsill Lokali, Swieqi fl-istess jum tad-disgha w ghoxrin (29) ta' Lulju 2008.

Rat illi fis-seduta tal-ghoxrin (20) t'Ottubru 2008 l-konvenut gie imsejjqh izda ma dehrux, la biex jikkontesta t-talba attrici u lanqas biex jirrispondi ghad-domandi 'n subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li rat id-dokumenti esebiti mis-socjeta attrici issib li t-talba taghha tirrizulta gustifikata u timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qieghda tilqa it-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lis-socjeta attrici is-somma ta' tlett elef sitt mija u sebgha euros u tnax l-euro centezmu (Euro 3,607.12) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali skond il-ligi.**

**Bl-ispejjes kontra l-konvenuti.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------